

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' April 2010 — Makhteshim-Agan Holding BV, Alfa Agricultural Supplies SA, Aragonesas Agro, SA vs Il-Kummissjoni Ewropea, Bayer CropScience AG, European Crop Protection Association (ECPA), Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-517/08 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Direttiva 91/414/KEE — Nuqqas ta' inklużjoni tal-endosulfan fl-Anness I tal-imsemmija direttiva — Irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għat-taqegħid fis-suq — Appell manifestament infondat)*

(2010/C 234/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellanti:* Makhteshim-Agan Holding BV, Alfa Agricultural Supplies SA, Aragonesas Agro SA (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

*Appellati:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Parpala u N.B. Rasmussen, aġenti), Bayer CropScience AG, European Crop Protection Association (ECPA) (rappreżentant: D. Waelbroeck, avukat), Ir-Renju ta' Spanja

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tad-9 ta' Settembru 2008, Bayer CropScience et vs Il-Kummissjoni (T-75/06), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet rikors għall-annullament tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2005/864/KE, tat-2 ta' Diċembru 2005, dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-endosulfan fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva [notifikata bin-numru C(2005) 4611] (ĠU L 349 M, p. 647)

### Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Makhteshim-Agan Holding BV, Alfa Agricultural Supplies SA u Aragonesas Agro SA huma kkundannati għall-ispejjeż.
- (3) European Crop Protection Association (ECPA) għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 24.01.2009

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2010 — Société des plantations de Mbanga SA (SPM) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropej, Il-Kummissjoni Ewropeja**

(Kawża C-39/09 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-banana — Sistema ta' importazzjoni fil-Komunità ta' banana li toriġina minn pajjiżi AKP — Dannu allegatament imġarrab minn produttur indipendenti — Nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni — Ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Appell manifestament inammissibbli jew manifestament infondat)*

(2010/C 234/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Appellanti:* Société des plantations de Mbanga SA (SPM) (rappreżentant: A. Farache, avukat)

*Appellati:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropej (rappreżentant: A. De Gregorio Merino, E. Sitbon, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropeja (rappreżentant: F. Clotuche-Duvieusart, aġent)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tat-13 ta' Novembru 2008, SPM vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-128/05) li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet ir-rikors għad-danni tar-rikorrenti intiż sabiex jiġi kkompensat id-dannu subit minnha minħabba l-leġiżlazzjoni allegatament illegali adottata mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-importazzjoni tal-banana fil-Komunità — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Banana li toriġina minn pajjiżi AKP — Dannu allegatament imġarrab minn produttur indipendenti — Nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni? — Ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

### Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Société des plantations de Mbanga SA (SPM) hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 90, 18.04.2009